MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 149/1995/1

John Vella

vs

Victor Mercieca

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

l-attur huwa l-proprjetarju ta’ remissa fi sqaq fi Triq Bullara, Xagħra, Għawdex, aċċessibbli mill-istess sqaq.

Illi l-konvenut qiegħed jippretendi li lill-attur jis-etta biss passaġġ bir-riġel minn dan l-isqaq. Dwar l-użu ta’ dan l-isqaq inqalgħu diverġenzi bejn il-partijiet senjatament dwar xogħlijiet liema vertenza huma mertu tal-kawża fl-ismijiet inversi Ċitazzjoni numru 143/1992 (CP).

Illi l-konvenut bl-iskop uniku li jostakola lill-attur fl-aċċess minn dan l-isqaq abbużivament poġġa vettura u xi ġebel tal-kantun f'parti minn dan il-passaġġ; dan minkejja li permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu tal-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) il-konvenut ġie inibit milli personalment jew permezz ta' terzi ifixkel jew jostakola lill-attur jew familjari tiegħu fl-aċċess minn dan l-isqaq.
Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li bit-tqegħid tal-van u tal-ġebel tal-kantun fil-passaġġ, il-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur.

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jispurga l-ispoll minnu kommess u jerġa jqiegħed kollox fl-istat pristinu tiegħu.

3. tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut jagħmel l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 556/95.

Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qiegħed jigi nġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi l-azzjoni segwita mill-attur hija frivola u vessatorja u inopportuna peress li ma twassal għal ebda prova da parti tiegħu tad-dritt minnu pretiż li jgħaddi mill-isqaq in kwistjoni b'mezzi oħra oltre bir-riġel;

2. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni il-pretensjonijiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

3. illi inoltre l-eċċipjenti ma kkommetta ebda spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur;

4. salvi eċċeżżjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament maħlufa.

Rat il-verbal tagħha ta' l-10 ta' April 2008, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-atti tal-Mandati ta' Inibizzjoni numri 556/1995 u 663/1995 allegati ma' dawn l-atti bid-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-*

*Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);…..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċ, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet elementi. L-attur qed jilmenta illi l-konvenut ostakolalu l-aċċess għal sqaq li hemm fil-ġemb tal-proprjeta' tiegħu fejn huwa għandu remissa, billi poġġa vettura u xi ġebel fl-entratura ta' l-istess sqaq. Il-konvenut qed jopponi t-talbiet fl-ewwel lok billi jikkontendi illi l-attur ghandu dritt biex jgħaddi mill-isqaq in kwistjoni bir-riġel biss. Imbagħad

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. .II. 975 .

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII.I.86 .

jgħid ukoll illi ma kkommetta ebda spoll fil-konfront ta' l-attur.

Kif tajjeb qal l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, l-ewwel eċċezzjoni hija waħda ta' natura petitoria li ma tistax tiġi kkunsidrata f'kawża bħal din, fejn kull ma trid tara l-Qorti huwa jekk jeżistux it-tliet elementi msemmija hawn fuq. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk respinta.

Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll.

**Il-Pussess:**

Dwar dan l-element sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[3]

Fil-każ in eżami l-attur isostni illi huwa għandu aċċess għar-remissa u r-raba tiegħu fl-inħawi, mill-isqaq in kwistjoni. Dan kien qalulu George Mercieca li kien il-proprjetarju ta' l-istess raba u remissa qabel ma dawn għaddew għand l-attur, kif ukoll missieru Emanuel Vella li joqgħod ma' ġemb l-istess sqaq. L-istess Mercieca u Emanuel Vella kkonfermaw fid-depożizzjoni rispettiva tagħhom illi Mercieca u missieru qablu kienu jgħaddu minn hemm bil-ħmar u karrettun biex jidħlu fir-remissa u r-raba annessa magħha.

[3] Fenech vs Zammit ġia ċitata .

Il-konvenuti minn naħa l-oħra jikkontendi illi dan l-aċċess kien isir b'mera tolleranza, u dan għaliex missieru kien ippermetta lill-awturi fit-titolu ta' l-attur preżenti, sabiex jidħlu mill-isqaq bi pjaċir biss. Madankollu, din l-allegazzjoni ma ġiet issostanzjata bl-ebda mod, u għalhekk ma tistax titqies bħala ppruvata.

**L- iSpoll**

Għall-attur li spoll jikkonsisti fit-tqegħid tal-vettura tal-konvenut u kantuni tal-ġebel fl-entratura ta' l-isqaq in kwistjoni, b'tali mod li huwa ma setax jidħol bl-inġenji tiegħu fl-istess sqaq. Il-konvenut allega illi kien l-attur stess li għamel hekk u ostakola l-passaġġ mill-isqaq u mhux hu. Imma li l-isqaq kien għal xi żmien ġie mblukkat mill-konvenut irriżulta mhux biss minn dak li ddepona l-attur, imma wkoll mix-xhieda ta' missieru u ġie konfermat mill-istess konvenut, meta fl-atti tal-mandat numru 556/1995 intrabat illi ma jerġax jostakola l-entratura għal dan l-isqaq.

**Iż-Żmien:**

Din iċ-ċitazzjoni saret in segwitu għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 556/1995 fuq talba ta' l-attur, wara li l-isqaq in kwistjoni kien ġie imblukkat kif ingħad. Ir-Rikors għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ġie intavolat fit-18 ta' Awissu 1995, u ċioe' xi jiem wara li twettaq dan l-att. Il-kawża preżenti ġiet imbagħad intavolata fl-1 ta' Settembru 1995, u għalhekk żgur entro t-terminu ta' xahrejn stipulat mil-liġi.

Għal dawn il-motivi, peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin kontra l-attur bit-tqegħid tal-van u tal-ġebel tal-kantun fil-passaġġ ossia sqaq imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

2. tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar ineħħi kwalunkwe ostakolu li jista'

jkun għad hemm sabiex l-attur jgħaddi liberament mill-isqaq in kwistjoni;

3. tawtorizża lill-attur sabiex, fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dak hawn ordnat fiż-żmien konċess, jagħmel huwa stess dawk ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------